# FTAKAR!

Meta, o qarrejj, il-maskarati tara
kollha ferħana mit-trieqat għaddejja,
ftakar ftit, ftakar f'dawk li bil-ħurħara
il-mewt qed jistennew, il-mewt li ġejja!

F'qalb dak il-fqir bil-ġuħ li qiegħed jara,
(Oh kif inħoss id-demm jitla f'ħaddejja!)
lilek daħkana tiżfen donnok xrara
x'qiegħed jitnissel taf int biss Mulejja!

Mita n-nar ta' l-imħabba f'qalbek jikbes!
ftakar fil-fqajjar minsi minn kullħadd!
fil-fqajjar li m'għandux l-anqas biex jilbes!

Ftakar li waħda biss mill-ġawhar fin
li jkollok f'xagħrek—x'tiswa lilek qatt?—
tista' teħles mill-mewt dak il-miskin!

C. Micallef Decaro.